**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Nru : 125/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa` mija hamsa u tmenin (1985) (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok'A').

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo-Agius fid-

dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (kopja annessa u markata Dokument B)

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum huma maggorenni.

Illi sal-lum ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Lilian Wismayer bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jkun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Qorti.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 2016;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Dicembru 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.